# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

**Nru. 13** **DIĊEMBRU, 1965**

# IL-MILIED

Reġa' wasal Diċembru, ix-xahar li jfakkarna mill-ewwel fil-Milied. Iż-żmien tax-xewqat tajba, tal-ferħ, tal-parties, tar-rigali u ta' tant affarijiet sbieħ oħra. F'dan iż-żmien kulħadd, anki l-iżjed fqar, ifaddal xi ħaġa biex ikun jista' jagħmel daqsxejn ta' kambjament f'din il-festa kbira u popolari.

Ir-raġuni ta' dan il-ferħ kollu, tal-moviment kbir li jkun hawn fi żmien il-Milied hija l-miġja ta' Ġesù fostna, it-twelid tiegħu f'Betlem. Għalhekk mhux talli ma għandniex inħallu fil-ġenb il-Bambin f'dawn il-festi, imma anzi għandna nagħtuh il-post ta' l-unur għax qegħdin niffesteġġjaw il-"birthday" tiegħu. Ha nħallu lit-tfal jagħmlu l-presepju fid-dar tagħna, avolja b'dik il-gagazza u b'dak it-trab u l-ħamrija jħammġulna xi ftit id-dar. Wara t-Tre Re, imbagħad, nikinsu kinsa sewwa! Ħalluhom jieħdu gost bil-pasturi u binnagħaġ, u jerġgħu jiftakru mill-ġdid fil-ġrajja tal-Bambin.

Il-Christmas Tree inħalluha ġewwa biex indendlu magħha l-kartolini li nirċievu, u fit-tieqa nixgħelu lill-Bambin, għax hekk jixraq. Nuru li aħna nsara anki b'dawn l-atti esterni li jidhru insinjifikanti imma m'humiex. Dan jirrifletti l-konvinzjoni u l-fidi tagħna.

Il-Milied hija l-festa tal-paċi: ħafna nies li jkunu miksurin bejniethom jieħdu din l-okkażjoni biex jersqu mill-ġdid lejn xulxin. Jekk aħna miġġildin mal-Bambin bid-dnub, ara ma nħallux il-Milied igħaddi mingħajr ma nagħmlu qrara tajba u tqarbina bil-qalb. Hekk inkunu verament qegħdin niċċelebraw il-Milied, billi nagħtu ċ-ċans lil Ġesù li jitwieled mill-ġdid ġo qalbna.

Dan huwa l-awgurju tiegħi għall-festa tal-Milied.

L-EDITUR.

## IL-MILIED IT-TAJJEB LIL KULĦADD

**Il-Kleru tal-Parroċċa flimkien mad-Direzzjoni ta' dan il-foljett jagħtu minn qalbhom l-isbaħ xewqat għall-Milied u għas-sena l-ġdida lill-parruċċani kollha.**

## "LEHEN IL-PARROĊĊA" TAGHLAQ SENA

Tiftakru li kien f'Diċembru tas-sena l-oħra li ħriġna dan il-ffoljett għal-l ewwel darba? S'issa għadu "still going strong", u ħafna nies, almenu kif qaluli, sabuh ta' għajnuna kbira, speċjalment għax iżommhom infurmati fuq l-avvenimenti tal-parroċċa. F'parroċċa mxerrda bħal tagħna, li fiha ħafna nies qatt ma jitilgħu sal-knispa parrokkjali, il-ħtieġa ta' ġurnal bħal dan kienet ilha tinħass, u qabel saru xi tentativi oħra.

Nagħtu l-"Happy Birthday" lil "Leħen il-Parroċċa", u min ikun irid jibagħtilha xi rigal, taċċettah bil-ferħa, għax miskina ma tantx jagħtuha. Fil-każ, ibagħtuh lill-Manager tagħha, lil Dun Ġwann.

## X'SER IKOLLNA F'DIĊEMBRU

3 ta' Diċembru: Festa ta' San Franġisk Saverju, Patrun tal-Missjonijiet. Fis-6.30 p.m. Quddiesa bil-priedka għall-bżonnijiet tal-benefatturi tal-Missjoni, u bħala suffraġju għal ruħ dawk mejtin.

8 ta' Diċembru: Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fil-Knisja tal-Kunċizzjoni. Fit-8.00 a.m. Quddiesa Kantata. Fil-5.00 p.m. Għasar, priedka, Antifona u Barka.

15 ta' Diċembru: Tibda n-Novena tal-Milied, li bħas-soltu noffruha għal dawk li taw 20 ġebla għall-Knisja l-ġdida. Kuljum fis-6.30 p.m. Quddiesa Kantata li fiha jkantaw il-Pueri Cantores.

24 ta' Diċembru: Lejlet il-Milied. Fil-11.00 p.m. tibda l-funzjoni ta' bil-lejl li tikkonsisti f'kant ta' Christmas Carols, ta' salmi u qari mill-Iskrittura Mqaddsa. F'nofs il-lejl toħroġ il-Quddiesa bil-priedka tat-tifel li dis-sena sejjer ikun Mario Amaira.

30 ta' Diċembru: Jibdew il-Kwaranturi, li jkomplu l-għada u l-pitgħada. Matul il-ġurnata kollha Ġesù jkun espost jistenniena biex immorru ninvistawh.

31 ta' Diċembru: L-aħħar ġurnata tas-sena. Fis-6.30 p.m. Quddiesa Kantata, wara priedka u Te Deum bħala ringrazzjament 'l Alla għall-grazzji kollha li tana matul is-sena.

1 ta' Jannar: Ngħalqu l-Kwaranturi b'purċissjoni b'Ġesù Sagramentat. Nibdew bl-Għasar fl-4.30 p.m.

## ĠRANET TA' SAWM F'DIĊEMBRU

7 (Vġili tal-Kunċizzjoni); 15, 17 u 18 (Kwattru Tempi); 23 jew 24 (wieħed jista' jagħżel liema ġurnata jrid minn dawn bħala Vġili tal-Milied).

## TIFTAKRUH LIL DUN ARTUR?

Fl-14 ta' dax-xahar jaħbat l-anniversarju tal-mewt tiegħu. Xieraq li dak in-nhar niftakru f'dan is-saċerdot li għal ħafna snin ħadem bla mistrieħ fil-parroċċa tagħna, speċjalment bħala konfessur ta' ħafna erwieħ.

## IL-KWARANTURI U X-XEWQA TAL-PAPA

Il-Kwaranturi fil-Parroċċa tagħna sejrin ikunu din is-sena l-ewwel okkażjoni solenni biex inwieġbu għas-sejħa tal-Papa, biex fl-Ewkaristija Mqaddsa niksbu l-frott tal-qawwa, tal-għaqda u tal-paċi.

Il-Papa lejlet l-aħħar sessjoni tal-Konċilju, qabel mar fost il-Ġnus Magħquda ,ħareġ l-Enċiklika "Mysterium Fidei" li biha ried li l-insara jifhmu sewwa li l-qofol tal-Misterju tal-Fidi tagħna jinsab fl-Ewkaristija u li għalhekk jekk tabilħaqq irridu l-ġid li għalih sar il-Konċilju, jekk nixtiequ naraw l-għaqda ta' dawk kollha li jemmnu fi Kristu, jekk tassew irridu l-paċi fost il-ġnus, fil-familji tagħna u fina stess jeħtieġ inkattru fina l-imħabba lejn Ġesù fl-Ewkaristija.

Diġà permezz tal-Quddiesa l-ġdida qegħdin naraw kemm in-nies qegħdin jagħarfu aħjar u jidħlu aktar fit-tifsir tas-sagrifiċċju tal-Quddiesa. Qed naraw kemm sewa għat-tqarbin is-sawm eħfef.

Iżda l-Ewkaristija mhix biss sagrifiċċju u Sagrament, imma wkoll oġġett ta' qima, għaliex fl-Ewkaristija hemm Ġesù verament, realment u substanzjalment u għalhekk il-Papa fl-Enċiklika jgħid: "Iż-żiara lis-SS.mu Sagrament hija wirja ta' gratitudini, sinjal ta' mħabba u dmir ta' rikonoxxenza lejn Kristu Mulej li hu hemm preżenti".

Sabiex tiftiehem aħjar is-sbuħija ta' din l-adorazzjoni jeħtieġ wieħed jiftakar li din il-qima hi bħall-adorazzjoni li aħna nagħtu lis-SS.mu meta s-Saċerdot jeleva l-Ostja wara l-Konsagrazzjoni fil-Quddiesa — iżda aktar fit-tul. Tajjeb ukoll wieħed ikun jaf li mhux minn dejjem kienet issir l-elevazzjoni wara l-konsagrazzjoni. Fis-seklu ħdax kien hemm fi Franza ċertu Berengarius li xeħet dubju fuq il-preżenza reali ta' Ġesù fl-Ewkaristija, u dan ġie ikkundannat mill-Knisja. L-ereżija tiegħu, barra l-ħsara li għamlet, swiet biex qanqlet fost it-tajbin imħabba akbar lejn l-Ewkaristija, għax, kif dejjem jiġri, mid-deni Alla jagħraf joħroġ ġid akbar. Minn dak iż-żmien aktar kibret id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija. L-insara mtlew bil-ħrara li jaduraw is-SS.mu mal-konsagrazzjoni u daħlet iċ-ċerimonja li s-Saċerdot jeleva l-Ostja (u aktar tard anki l-Kalċi) għall-adorazzjoni. Daħlet id-drawwa tad-daqq tal-qniepen waqt il-konsagrazzjoni — il-qanpiena ż-żgħira fil-knisja u l-qniepen il-kbar fil-kantata. Minn Franza wkoll il-Beata Ġuljana bdiet tħabrek biex issir il-Festa ta' Corpus Christi. Fl-aħjar, fl-1264 sar il-miraklu ta' Bolsena li fih waqt il-Quddiesa l-korporal iċċappas bid-demm li ħareġ mill-ispeċi ikkonsagrati. Wara dan il-miraklu il-Papa Urbanu IV laqa' t-talba tal-Beata Ġuljana u minn Liege il-festa u l-proċessjoni ta' Corpus xterdet ma' kullimkien u l-qima u l-adorazzjoni lejn l-Ewkaristija aktar kibru.

Minn ta' l-ewwel li beda d-devozzjoni tal-Kwaranturi, f'ġieh l-erbgħin siegħa li s-Sinjur tagħna dam fil-qabar, kien Patri Ġużepp, Kappuċċin minn Milan li miet fis-sena 1556. Il-Papa Piju IV, ta' żmien l-Assedju l-Kbir tagħ-

na, approva lill-Fratellanza tat-Talb tagħmel din id-devozzjoni, u l-Papa Klement VIII fl-1592 ipprovda biex isiru l-kwaranturi fil-knejjes ta' Ruma, waħda wara l-oħra b'mod li dejjem kien hemm knisja li fiha qed issir l-adorazzjoni. Fl-1556 il-Ġiżwiti għamlu l-kwaranturi f'Macerata quddiem il-gwaj li nqala' f'dak iż-żmien, u San Karlu kien jagħmel il-kwaranturi b'riparazzjoni fi żmien il-Karnival. Illum għandna ordnijiet sħaħ ta' sorijiet dedikati għall-adorazzjoni perpetwa biex ipattu għal dawk li ma jagħtux qima lill-Ewkaristija.

Nagħmlu aħna mill-kwaranturi tagħna: 1) Att ta' ħajr għall-ġid kollu li rċevejna ma' tul is-sena; 2) Bħala tweġiba għas-sejħa tal-Papa fl-Enċiklika tiegħu; u 3) Bħala att ta' korrispondenza għax-xewqa ta' Ġesù, li hija l-għaxqa tiegħu li jibqa' fost il-bnedmin.

MICHAEL CARUANA.

## WIRJA MISSJUNARJA F'ST. MICHAEL'S

Il-Kumitat tal-Kappella ta' St. Michael's Training College, Ta' Ġorni, San Ġiljan, ilu ħafna żmien jorganizza wirja qrib il-Ġurnata Missjunarja għall-istudenti tal-Kulleġġ. Il-wirja nfetħet uffiċjalment nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Ottubru, mill-Principal tal-Kulleġġ, Rev. Bro. Charles, F.S.C.

Il-Komunitajiet tal-Franġiskani, Minuri u Konventwali, il-Ġiżwiti, l-Agostinjani, il-Karmelitani, flimkien ma' l-Uffiċċju Missjunarju, ilkoll għenu mhux ftit lill-istudenti billi silfuhom il-materjal li setgħu għall-wirja. Bro. Emanuel F.S.C., silifhom sett ta' għana fuq it-"tape" irrekordjat mill-Madagaskar. Din il-mużika għenet sewwa biex wieħed jidħol fl-ambjent tal-wirja. Barra għadd kbir ta' stampi, ritratti, "posters", "charts" u mapep, jolqtuk mill-ewwel l-idoli, l-istrumenti mużikali, ir-"raffia work", u xi lbies tan-nies tal-Peru, kif ukoll metall u ġebel maqtugħ mill-minjieri.

Nittamaw li għalli ġej, din il-wirja missjunarja tikber iżjed u tgħolli li standard tagħha. Prosit St. Michael's!

## NIFIRHULHOM U NAWGURAWLHOM

24. 10. 65 Paul Cuschieri (S. Ġiljan) ma' Saveria Pulis (Marsaskala).

## MULEJ AGHTIHOM IL-MISTRIEH TA' DEJJEM

18. 10. 65 Loreto Vella (65 sena) ta' 40, Main Street.
22. 10. 65 Rudolf Conrad Hanske (64 sena) ta' 2, St. George's Rd.

**PLUMROSE LTD.**

offers

**BEST QUALITY CANNED MEATS**

Sole Agents:

**F. BUSUTTIL & SONS CO. LTD.**

**252, ST. PAUL'S STREET - VALLETTA**

"Empire Press"